# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru 1188/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Seagull Maritime Security Limited (C-54665)**

**Vs**

**Unitaf PTE Limited (C 84754) u**

**Dr Christopher Chircop u l-PL Jean Pierre Busuttil appuntati b'digriet tas-27 ta' Jannar 2021 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapeżentaw is-soċjeta' estera bl-isem Cypress Maritime (Panama) S.A, reġistrata fi 53rd E Street, Urbanizacion Marbella, MMG Tower, 16th Floor, Panama, Republic of Panama, Panama, 534**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 14 ta' Diċembru 2020, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet s-segwenti:

   1) *lli s-soċjeta' rikorrenti Seagull Maritime Security Limited b'numru ta' reġistrazzjoni 54665 ta' 64, Excalibur, B. Bontadini Street, Birkirkara, BKR 1737, Malta tipprovdi servizzi ta' gwardjani tas-sigurta';*

   2) *Illi nhar id-disgħa (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), is-soċjeta' rikorrenti Seagull Maritime Security Limited daħlet f'kuntratt mas-soċjeta' intimata Unitaf PTE Limited (hawn anness u mmarkat Dok A);*

3) *Illi dan il-kuntratt ġie ffirmat bejn il-partijiet għall-impjieg ta' gwardjani tas-sigurta abbord il-bastiment Ocean Isabella bin-numru tal-IMO 9767534, proprjeta' tas-soċjeta' estera Cypress Maritime (Panama) S.A. ta' 53rd E Street, Urbanizacion Marbella, MMG Tower, 16th Floor, Panama, Republic of Panama, Panama, 534;*

4) *Illi s-soċjeta' rikorrenti pprovdiet is-servizz ta' gwardjani ta' sigurta abbord il-bastiment Ocean Isabella bejn il-ħamsa (5) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) sas-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u bejn it-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u it-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019);*

5) *Illi s-soċjeta' rikorrenti ħarġet numru ta' fatturi fil-konfront tas-soċjeta' intimata Unitaf PTE Limited għal dawn is-servizzi għal ammont kumplessiv ta' dsatax-il elf u mitejn Dollaru Amerikan (USD 19,200) ekwivalenti għal ħmistax-il elf, sebgħa mija, tnejn u disgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€15,792.48). Dawn il-fatturi jikkonsistu fis-segwenti fatturi:*

   a) *Fattura numru 90078610209-1 datata t-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) (hawn annessa u mmarkata Dok B) għal ammont ta' sitt elef u tmien mitt Dollaru Amerikan (USD 6,800) għal provvediment ta' gwardjani tas-sigurta' abbord il-bastiment Ocean Isabella bejn il-ħamsa (5) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u s-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) waqt traġitt minn Kandla, India għal Red Sea – FA;*

   b) *Fattura numru 90078610209-2 datata t-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) (hawn annessa u mmarkata Dok Ċ) għal ammont ta' sitt elef u mitejn Dollaru Amerikan (USD 6,200) għal provvediment ta' gwardjani tas-sigurta' abbord il-bastiment Ocean Isabella bejn il-ħamsa (5) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u s-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) waqt traġitt minn Red Sea FA għal Kandla, India;*

   c) *Fattura numru 90079290910-1 datata d-disgħa (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) (hawn annessa u mmarkata Dok D) għal ammont ta' sitt elef u mitejn Dollaru Amerikan (USD 6,200) għal provvediment ta' gwardjani tas-sigurta' abbord il-bastiment Ocean Isabella bejn it-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u t-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019);*

6) *Illi minkejja l-provvediment ta' dawn is-servizzi lis-soċjetajiet intimati, sal-lum il-ġurnata s-soċjetajiet intimati għadhom ma ħallsux is-somma ta' dsatax-il elf u mitejn Dollaru Amerikan (USD 19,200) ekwivalenti għal ħmistax-il elf, seba' mija, tnejn u disgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€15,792.48), lis-soċjeta' rikorrenti minkejja li ġew interpellati diversi drabi;*

7) *Illi l-imsemmi ammont ta' dsatax-il elf u mitejn Dollaru Amerikan (USD 19,200) ekwivalenti għal ħmistax-il elf, seba' mija, tnejn u disgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€15,792.48) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mis-soċjetajiet intimati lis-soċjeta' rikorrenti u għalhekk fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fl-umli fehma tal-istess rikorrenti, is-soċjetajiet intimati ma għandhomx eċċezzjonijiet validi xi jressqu kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont;*

*Jgħidu għalhekk is-soċjetajiet intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

a) *Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal- Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

b) *Tiddikjara illi s-soċjetajiet intimati huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti Seagull Maritime Security Limited fis-somma ta' dsatax-il elf u mitejn Dollaru Amerikan (USD 19,200), ekwivalenti għal ħmistax-il elf, seba' mija, tnejn u disgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€15,792.48), rappreżentanti ammont dovut lis-soċjeta' rikorrenti għal-servizzi pprovduti minnha ai termini l-kuntratt datat d-disgħa (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019);*

c) *Tikkundanna lis-soċjetajiet intimati sabiex iħallsu lis-soċjeta' rikorrenti Seagull Maritime Security Limited fis-somma ta' dsatax-il elf u mitejn Dollaru Amerikan (USD 19,200), ekwivalenti għal ħmistax-il elf, seba' mija, tnejn u disgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€15,792.48), għar-raġunijiet kif fuq dettaljati.*

*Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra s-soċjetajiet intimati li jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi s-soċjeta' intimata Unitaf PTE Limited ġiet debitament notifikata fl-4 ta' Jannar 2021.

3. Rat illi fis-27 ta' Jannar 2021, wara talba tas-soċjeta' intimata, ġew nominati Dr Christopher Chircop u l-PL Jean Pierre Busuttil bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tas-soċjeta' estera Cypress Maritime (Panama) S.A.

4. Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati ppreżentata fit-22 ta' Frar 2021, fejn laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

*1. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti jiġi eċċepit illi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex kompetenza sabiex tisma' u finalment tiddeċiedi dan ir-rikors u dan għal fatt illi skond id-dokument immarkat DOK A fir-rikors ġuramentat ta' Seagull Maritime*

*Security Limited hemm indikat illi f'każ ta' dispute resolution, l-agreed place of arbitration għandu jkun London United Kingdom;*

*2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost u għall-eċċezzjonijiet sussegwenti jiġi eċċepit illi s-soċjeta' estera bl-isem Cypress Maritime (Panama) S.A ma hijiex il-leġittimu kuntradittur stante li l-kuntratt ġie ffirmat biss minn Seagull Maritime Security Limited u Unitaf PTE Limited u saħansitra l-invioces maħruġa minn Seagull Maritime Security Limited dejjem intbgħatu biss lil Unitaf PTE Limited;*

*3. Illi rigward il-mertu l-esponenti jiddikjaraw li għadha ma saret l-ebda komunikazzjoni bejnhom u bejn s-soċjeta' estera bl-isem Cypress Maritime (Panama) S.A u għalhekk għadhom mhumiex edotti mill-fatti tal-każ u għaldaqstant qed JIRRIŻERVAW ID-DRITT li jippreżentaw risposta ulterjuri motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti u dan sabiex ikunu jistgħu jressqu l-aħjar difiża għan-nom tas-soċjeta' estera bl-isem Cypress Maritime (Panama) S.A;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rilevat illi hija r-rikorrenti li għandha l-piż tal-prova u ċioe illi trid tkun r-rikorrenti li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinċi lil din l- Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qiegħda tagħmel huma fondati;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

5. Rat l-affidavit ta' **Dror Chayu**, direttur tas-soċjeta' rikorrenti Seagull Maritime Security Limited, ippreżentat fl-14 ta' Lulju 2021 (fol 73).

6. Rat illi fis-26 ta' Ottubru 2021, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

7. Rat illi fis-26 ta' Ottubru 2021, il-Kuraturi Deputati għarrfu lill-Qorti illi ma kellhom ebda komunikazzjoni mis-soċjeta' estera Cypress Martime (Panama) Limited, għalkemm ippruvaw jagħmlu kuntatt magħha, u għalhekk għarrfu lill-Qorti illi ma kellhomx provi xi jressqu.

8. Rat illi, fuq talba tal-Kuraturi Deputati, il-kawża ġiet differita għall-finali trattazzjoni għat-13 ta' Jannar 2022.

9. Rat illi ma daħlu ebda sottomissjonijiet da' parte tas-soċjeta' kontumaċi Unitaf PTE Limited.

10. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensur tas-soċjeta' rikorrenti illi saret fit-13 ta' Jannar 2022, fejn il-Kuratur Deputat ma deherx sabiex jittratta l-każ, wara liema trattazzjoni, il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

## Ikkunsidrat

11. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti hija soċjeta' illi tipprovdi s-servizzi ta' 'Security Guards' għal fuq bastimenti privati.

12. Jirriżulta illi permezz ta' ftehim datat 25 ta' Lulju 2019, is-soċjeta' Unitaf PTE Limited, bħala 'Disponent Owners' u s-soċjeta' Cypress Maritime (Panama) S.A. bħala sidien tal-bastiment Ocean Isabella, daħlu fi ftehim għall-proviżjoni tas-servizz ġewwa ir-"Red Sea, Arabian Sea and Indian Ocean'.

13. Jirriżulta illi tali servizzi ġie pprovdut bejn il-5 ta' Awissu 2019 u s-26 ta' Awissu 2019 kif ukoll bejn it-23 ta' Settembru 2019 u t-2 ta' Ottubru 2019.

14. Jirriżulta illi, għal tali servizzi reżi, s-soċjeta' rikorrenti bagħtet invoices fl-import totali ta' $19,200, ekwivalenti għal €15,792.48, f'Settembru u Ottubru tas-sena 2019, għal liema invoices ma kien hemm ebda ħlas.

15. Jirriżulta illi, fl-14 ta' Diċembru 2020, is-soċjeta' rikorrenti ipproċediet bil-proċeduri odjerni għal ġbir tal-flus lilha dovuti in konnessjoni mas-servizz minnha reż.

16. Jirriżulta illi l-Kuratur Deputat, fid-difiża tiegħu, qajjem tlett difiżi, ossija s-segwenti:

    a. Illi skond il-ftehim bejn il-partijiet f'każ ta' disputa bejn il-partijiet, kellu jkun hemm arbitraġġ gewwa Londra;
    b. Illi s-soċjeta' Cypress Maritime (Panama) SA ma hijiex il-leġittimu kontradittur;
    c. Illi s-soċjeta' rikorrenti kellha ġġib il-prova tas-servizz reż.

**Ikkunsidrat**

17. Jirriżulta, mill-atti tal-kawża, illi l-ftehim ġie ffirmat ġewwa Malta, u dana kif jidher mill-kuntratt eżebit mis-soċjeta' rikorrenti fi klawsola 1 tal-BIMCO Standard Form Contract.

18. Jirriżulta illi, skond kaxxa Nru 19 tal-BIMCO Standard Form Contract, ġie indikat mill-partijiet illi f'każ ta' 'Dispute Resolution' li jinqala' bejn il-partijiet, il-post fejn kellu jsir l-arbitraġġ kien 'London, United Kingdom'.

19. Jirriżulta illi, abbażi ta' tali kitba, l-Kuratur Deputat eċċepixxa illi dina l-Qorti ma kellhiex il-kompetenza illi tisma' l-każ stante illi kellu jsir arbitraġġ ġewwa Londra, l-Ingilterra.

20. Il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 742 tal-Kap 12, li jirregola l-ġurisdizzjoni tal-qrati tagħna fis-subinċiż (3) jgħid hekk:

    *(3) Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta` kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta` arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta` arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f`liema każ il-qorti, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta` kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva.*

21. Dwar dak illi wieħed għandu x'jifhem mill-provvediment ta` l-Art 742(3) tal-Kap 12, huwa opportun illi ssir referenza għal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-4 ta` Mejju 1998 fil-kawża "Camilleri vs Zammit noe", fejn dwar tali Artikolu kellha dan xi tgħid:

> *... il-liġi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jiġi assikurat li l-ġurisdizzjoni tal-qorti ta` kompetenza ċivili ma tkunx eskluża mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta` arbitraġġ bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-qrati ċivili jkunu jistgħu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta` tali ftehim ta` arbitraġġ, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proċeduri skont kif trid il-liġi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-ġurisdizzjoni li jassikuraw l-eżegwibilita` tad-deċiżjonijiet arbitrali permezz ta` atti u mandat kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati eżekuttivi. Dan ifisser illi d-disposizzjoni 742(3) ma kenitx intiża biex tinnewtralizza l-effikaċja ta` klawsola arbitrali, imma ntiża biss biex tassikura li jkunu l-qrati ċivili li jkollhom il-ġurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsoli arbitrali kellhom jiġu mħaddma u dana billi jkollhom il-poter li jagħmlu tajjeb u jagħtu direttivi fil-każ li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jiġu proċeduralment imħaddma fil-prattika.*

22. Il-Qorti, applikati l-prinċipji kif fuq esposti, tosserva illi fil-każ odjern, is-soċjeta' rikorrenti hija soċjeta' reġistrata u operanti f'Malta u l-istess għandu japplika lis-soċjeta' Unitaf PTE Limited, illi hija kontumaċi fil-proċeduri odjerni.

23. Il-Qorti tosserva wkoll illi minn imkien ma ngħata x'tifhem illi s-soċjeta' estera Cypress Maritime (Panama) S.A. għandha xi "dispute" mas-soċjeta' rikorrenti u l-istess jingħad għas-soċjeta' Unitaf PTE Limited.

24. Il-Qorti tirrileva illi, fil-każ odjern, ma għandhiex kwistjoni dwar differenzi bejn il-partijiet u riżoluzzjoni tagħha, iżda għandna sempliċiment talba għall-ħlas għas-servizzi reżi, dwar liema servizzi ma nġiebet ebda indikazzjoni illi qatt kien hemm xi disputa dwarhom da' parte ta' l-intimati.

25. Il-Qorti tosserva wkoll illi, kif pprovdut fl-Artikolu 742 (3) tal-Kap 12, ma hemm xejn xi jwaqqaf lis-soċjetajiet intimati illi jgħarrfu lil dina l-Qorti li qed jagħżlu li jmorru arbitraġġ ġewwa Londra – li l-Kuratur Deputat iqajjem tali difiża ma hija ebda indikazzjoni illi attwalment is-soċjeta' li għaliha l-Kuratur Deputat qiegħed jidher, kienet qed tipproċedi bl-arbitraġġ, tant huwa illi l-Kuratur Deputat stqarr illi s-soċjeta' Cypress Maritime (Panama) SA ma għamlet ebda komunikazzjoni miegħu, għalkemm huwa pprova jikkomunika magħha.

26. Għalhekk, il-Qorti tqis illi ma hemm xejn xi jwaqqaf lis-soċjeta' rikorrenti illi tkompli bil-proċeduri odjerni quddiem dawna l-Qrati, u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-Kuratur Deputat ma timmeritax illi tiġi kkunsidrata favorevolment.

## Ikkunsidrat

27. Jirriżulta illi l-Kuratur Deputat, fid-difiżi minnu mqajjma, eċċepixxa wkoll illi s-soċjeta' Cypress Maritime (Panama) S.A ma hijiex il-leġittimu kontradittur, stante illi ma ffirmatx il-ftehim hi.

28. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-BIMCO Standard Form Contract iffirmat u meritu tal-kawża odjerna tindika illi l-Owner tal-bastiment Ocean Isabella huwa attwalment is-soċjeta' intimata Cypress Maritime (Panama) S.A. filwaqt illi s-soċjeta' Unitaf PTE Limited hija d-"Disponent Owner".

29. Il-Qorti tosserva wkoll a tenur tal-Klawsola 1 tad-Definizzjonijet fi ħdan il-BIMCO Standard Form Contract, huwa indikat illi "Owners" kellhom jiġu meqjusa li jinkludu kemm "Owners" kif ukoll "Disponent Owners".

30. Finalment, il-Qorti tosserva illi, a tenur tal-Klawsola 7 (a) tal- BIMCO Standard Form Contract, waħda mir-responsabbiltajiet tal-Owners kienet illi jħallsu għal kull somma dovuta.

31. Jirriżulta, għalhekk, illi a differenza ta' dak eċċepit mill-Kuratur Deputat, is-soċjeta' Cypress Maritime (Panama) SA hija attwalment il-leġittimu kuntradittur flimkien mas-soċjeta' Unitaf PTE Limited, u għalhekk id-difiża minnu mqajjma ma timmeritax illi tiġi akkolta.

**Ikkunsidrat**

32. Jirriżulta illi l-aħħar żewġ difiżi mqajjma mill-Kuratur Deputat jirrigwardaw il-prova tas-servizz reż mis-soċjeta' rikorrenti w il-pretensjoni tal-Kuratur Deputat illi ma huwiex dedott mill-fatti.

33. Jirriżulta ampjament ippruvat, mill-provi kif prodotti mis-soċjeta' rikorrenti, illi s-servizz ġie reż mis-soċjeta' rikorrenti lill-intimati, kif miftiehem, iżda l-pagament għas-servizz hemm reż qatt ma tħallas, u għalhekk id-difiżi mqajjma mill-Kuraturi Deputati ma jistgħux jiġu kkunsidrati favorevolment.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u rat il-provi prodotti;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensur tas-soċjeta' rikorrenti;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat Kuratur Deputat, u għalhekk:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement;

**Tiddikjara** illi s-soċjetajiet intimati Unitaf PTE Limited u Cypress Maritime (Panama) SA huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti Seagull Maritime Security Limited fis-somma ta' dsatax-il elf u mitejn Dollaru Amerikan (USD 19,200), ekwivalenti għal ħmistax-il elf, seba' mija, tnejn u disgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€15,792.48), rappreżentanti ammont dovut lis-soċjeta' rikorrenti għal-servizzi pprovduti minnha ai termini l-kuntratt datat d-disgħa (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019);

**Tikkundanna** lis-soċjetajiet intimati Unitaf PTE Limited u Cypress Maritime (Panama) SA sabiex iħallsu lis-soċjeta' rikorrenti Seagull Maritime Security Limited fis-somma ta' dsatax-il elf u mitejn Dollaru Amerikan (USD 19,200), ekwivalenti għal ħmistax-il elf, seba' mija, tnejn u disgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€15,792.48), għar-raġunijiet kif fuq dettaljati.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra s-soċjetajiet intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**